MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Rikors Numru. 15/2001/1

**Kummissarju ta’ l-Art**

**vs**

**Mary Gili wara l-mew taghha l-atti kienu trasfuzi f’isem Simone, Nadya mart Thomas Fenech u Edgar ahwa Gili.**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid:

Illi l-intimata giet notifikata b’Avviz ghall-Ftehim datat 4 t’April 2001 fejn giet infurmata li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri asolut bhala frank u liberu tal-fond numru 80, fi Triq San Nikola, l-Belt Valletta huwa ta’ hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) kif jidher fir-rapport tal-Perit Joe Mizzi A&CE datat 5 ta’ Marzu 2001 li

kopja tieghu Dok A hija annessa mal-istess Avbviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-25 t'Apil 2001 l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' hamsin elf lira Maltin (Lm50,000).

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lis-socjeta' intimata biex tittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fil-Belt Valletta numru 18 Triq il-Bjar fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)."

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi permezz ta' ittra ufficjali bid-data tal-25 t'April 2001, l-intimata Mary Gili kienet ikkontestat l-ammont offert mir-rikorrenti ghall-esproprijazzjoni ta' dan il-fond fejn infurmat lill-istess rikorrenti illi l-pretensjoni taghha kienet fis-somma ta' hamsin elf lira maltin (LM50,000).

Il-perit arkitett Anthony V. Stivala li kien inkarigat mill-intimata sabiex jaghmel stima tal-fond, xehed illi dan il-fond ghandu valur ta' Lm50,000 u esebixxa certifikat dettaljat fejn ta ir-ragunijiet tieghu li wassluh ghal dan il-valur;

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC David Pace u l-Perit AIC Frederic Valentino wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet

skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

"Huma ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta), u partikolarment l-Artikolu 27, u bhala rizultat huma tal-opionjoni illi l-proprjeta' in kwistjoni ghandha tigi stmata bhala proprjeta' fabrikabbli u li l-valur tal-istess proprjeta' bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esebiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta' sittin elf lira maltin (Lm60,000) ekwivalenti ghal mija tlieta u disghin elf seba mija tnejnj u sittin ewro u erbghin ewrocentezmu (Euro 139,762.40);

Illi ai termini tal-*proviso* tal-artikolu 25(1) tal-Kap 88, il-Bord ma jistghax jaghti kumpens ghola mill-pretensjoni ta' wahda mill-partijiet. Dan l-artikolu kien dikjarat li jmur kontra l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sede Kostituzjonali fil-kawza fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet vs Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et tas-27 ta' Novembru 2008 (rikors 4/2007) u Rikors 5/2007 fl-istess ismijiet liema sentenzi jinsabu *sub judice* quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u ghalhekk dan il-Bord qed jiddetermina din il-kawza skond il-ligi kif vigenti b'dan illi la darba l-valur ta' kumpens konkluz mill-periti membri jeccedi l-valur mitlub mill-intimati, ser jinghata l-valur mitlub mill-istess rikorrenti;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala liberu u frank b'titolu ta' xiri assolut l-fond fabrikabbli Numru 80 fi Triq San Nikola, l-Belt Valletta lir-rikorrenti Kummissarju tal-Art u dan bil-kumpens ta' mija u sittax-il elf, erba mija tmienja u sittin euro u sitta u sittin centezmu (Euro 116,468.66) oltre l-imghax legali spettanti lil-intimati. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fid-9 ta' Gunju 2009 fis-2.00pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Alexandra Mizzi LL.M., LL.D biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra

taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------